MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1148/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Etienne Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Etienne Micallef**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Anthony u Paulina nee' Bezzina, imwieled Birkirkara, nhar it-23 ta' Frar, 1975 u li joqghod nru. 11, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 123575(M) akkuzat talli flimkien ma' zewg persuni ohra, nhar il-15 t'Ottubru 2011, f'xi hin bejn id-9:15am u l-10:30am, mil-fond Romance, Triq Hal Resqun, Gudja:

1. ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, konsistenti f’goellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-koppja Etienne u Ritianne Caruana u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

2. volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda iktar minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ai terminu ta’ l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Etienne u Ritianne Caruana u/jew ta’ persuna/i ohra;

3. talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 247) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(b) Artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(c) Artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja (*fol.* 248).

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li

kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi kwazi r-res furtiva kollha giet ritornata lura.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt li r-*res furtiva* giet ritornata kwazi kollha kemm hi lura, ix-xiehda moghtija minn Jean Cali fis-seduta tallum u l-fatt li l-imputat fil-prezent qieghed isegwi program rigward id-dipendenza tieghu fuq id-droga. <u>Il-Qorti qed taghmilha cara li din ser tkun **l-ahhar darba** li ser taghti l-fakolta lill-imputat li jirrabilita lilu nnifsu u li ser ikun hemm konsegwenzi serji jekk huwa ma jiehux din l-opportunita li qed tinghata lilu.</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 17, 31, 49, 50, 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 281(a), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Etienne Micallef taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghtija llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Etienne Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghtija b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Etienne Micallef.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------